

Brussell, 30 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5752/26

FIN 139
PE-L 5

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn: | Kumitat tal-Baġit |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024 Adozzjoni Approvazzjoni ta' ittra |

1. F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003¹ u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 66 tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004², il-Kunsill huwa meħtieġ ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2003/58/oj>).

² Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/1653/oj>).

2. Fil-laqgħat tiegħu tat-8 u s-16 ta' Jannar 2026, il-Kumitat tal-Baġit eżamina r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024³, b'mod partikolari fir-rigward tal-aġenziji eżekuttivi, u laħaq qbil dwar l-abbozzi tat-testi kif jinsabu fl-Addendum.
3. Il-Kumitat tal-Baġit jagħti parir lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - jadotta l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet kif jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota; u
 - jieħu ħsieb biex dawn jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u japprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan.

³ ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj>.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003¹ u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 66 tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004², qed nibgħatlek separatament³ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2026 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

[Formola tal-għeluq]

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2003/58/oj>).

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/1653/oj>).

³ Dok. 5752/26 + ADD 1.